

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE****Nru 172/2014****tal-25 ta' Settembru 2014****li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim ŻEE  
[2015/1240]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/44/UE tat-18 ta' Marzu 2014 li temenda l-Annessi I, II u III tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/37/KE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-foresti, il-karrijiet tagħhom u makkinarju rmunkat interkambjabbli, flimkien mas-sistemi tagħhom, komponenti u unitajiet tekniċi separati <sup>(1)</sup> tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.
- (2) Għalhekk, l-Anness II tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej jiżied mal-punt 28 (Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Kapitolu II tal-Anness II tal-Ftehim ŻEE:

“— **32014 L 0044**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2014/44/UE tal-18 ta' Marzu 2014 (ĠU L 82, 20.3.2014, p. 20).”*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva 2014/44/UE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fis-26 ta' Settembru 2014, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Settembru 2014.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 82, 20.3.2014, p. 20.

(\*) L-ebda rikwiżiti kostituzzjonali mhuma indikati.